

Brussell, 12 ta' Mejju 2016  
(OR. en)

8831/16

DEVGEN 89  
ACP 67  
RELEX 378

## EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 12 ta' Mejju 2016

lil: Delegazzjonijiet

---

Nru. dok. preċ.: 8554/16

---

Suġġett: It-Tisħiħ tal-Ipprogrammar Konġunt  
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (12 ta' Mejju 2016)

---

1. Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-Ipprogrammar Konġunt, kif adottati mill-Kunsill fit-3462 laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' Mejju 2016.

## Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-Ipprogrammar Konġunt

### Progress u sfidi

1. Il-Kunsill jilqa' l-progress li sar fir-rigward tal-Ipprogrammar Konġunt tal-assistenza esterna mill-UE u l-Istati Membri tagħha. Permezz tat-twettiq tal-Ipprogrammar Konġunt, l-UE u l-Istati Membri tagħha jikkontribwixxu b'mod kollettiv lejn l-implimentazzjoni tal-impenji ta' politika magħmula fil-livell globali u tal-UE<sup>1</sup>. F'dan il-kuntest il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-Pożizzjoni Komuni tal-UE għar-Raba' Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna<sup>2</sup> li stabbilixxiet il-qafas għal programmar pluriennali konġunt, fil-konklużjonijiet tiegħu dwar ir-Rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat<sup>3</sup> li jenfasizzaw il-ħtieġa għal involviment sħiħ tal-Istati Membri fil-Politika Ewropea tal-Viċinat, kif ukoll ta' reġjuni oħrajn, u fil-konklużjonijiet tiegħu Żieda fl-impatt tal-Politika tal-Iżvilupp tal-UE: Aġenda għall-Bidla<sup>4</sup>.
2. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li jappoġġaw bil-qawwa lill-pajjiżi sħab biex iwettqu l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u jirrikonoxxu l-valur ta' approċċ ta' Ipprogrammar Konġunt, b'mod partikolari biex isaħħu r-rispons koordinat u strateġiku tal-UE. Jekk jiġi implimentat sew, l-Ipprogrammar Konġunt joffri opportunitajiet konkreti li jikkontribwixxu għall-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp.

---

<sup>1</sup> Ir-Raba' Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna li sar f'Busan, Diċembru 2011, il-Konsensus Ewropew għall-Iżvilupp, l-Aġenda għall-Bidla, u l-Komunikazzjoni Konġunta dwar ir-Rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat.

<sup>2</sup> 16773/11.

<sup>3</sup> 8087/15.

<sup>4</sup> 9369/12.

3. Mill-2011, l-Ipprogrammar Konġunt iffoka fuq 55 pajjiż sieħeb b'25 Strateġija ta' Kooperazzjoni Konġunta tal-UE li huma fis-seħħ jew li qed jiġu ffinalizzati bħalissa. L-Ipprogrammar Konġunt għandu l-potenzjal li jsaħħaħ l-effiċjenza, il-koerenza, it-trasparenza, il-prevedibbiltà u l-viżibilità tal-assistenza esterna tal-UE u tal-Istati Membri tagħha. L-implimentazzjoni tal-Ipprogrammar Konġunt fil-livell tal-pajjiż tista' tiffaċilita kondivizzjoni tax-xogħol aktar effettiva u tnaqqas il-frammentazzjoni tal-għajjnuna.
4. L-Ipprogrammar Konġunt jista' jkun ukoll għodda effettiva biex ittejjeb il-koordinazzjoni tal-UE fil-livell tal-pajjiż u fil-livell settorjali u jista' jsaħħaħ id-djalogu politiku koordinat, kif ukoll l-analiżi konġunta, il-kondivizzjoni ta' informazzjoni, inizjattivi ta' implimentazzjoni konġunta, il-monitoraġġ konġunt u l-evalwazzjoni konġunta. Madankollu għad hemm sfidi li jridu jiġu indirizzati. F'xi każijiet l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet għadhom għoljin. Is-sinkronizzazzjoni taċ-ċikli tal-ipprogrammar bejn il-parteċipanti tal-UE u l-pajjiżi riċeventi għandha titjieb, fejn hu possibbli. Impenn qawwi mill-atturi kollha fil-livell tal-pajjiżi u fl-ibliet kapitali tal-UE huwa importanti għas-suċċess.

## **II-konsolidazzjoni u l-espansjoni tal-Ipprogrammar Konġunt**

5. L-Ipprogrammar Konġunt għandu jiġi promoss u msaħħaħ, filwaqt li jinżamm volontarju, flessibbli, inklużiv u mfassal apposta skont il-kuntest tal-pajjiż, u għandu jkun possibbli li d-dokumenti tal-Ipprogrammar tal-UE u tal-Istati Membri jiġu sostitwiti f'dokumenti ta' Ipprogrammar Konġunt. F'pajjiżi fejn l-Ipprogrammar Konġunt għad irid jibda, il-Kunsill jappella lis-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE biex jevalwaw il-potenzjal mal-missjonijiet tal-Istati Membri għall-Ipprogrammar Konġunt u għall-iżvilupp ta' pjan direzzjonali. L-impenn, l-approprijazzjoni u s-sjieda tal-pajjiż sieħeb huma essenzjali għal dan il-proċess. L-Ipprogrammar Konġunt għandu jitmexxa mill-istrateġija tal-iżvilupp tal-pajjiż sieħeb.
6. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-valur miżjud li l-Ipprogrammar Konġunt jista' jkollu f'termini tal-evitar ta' duplikazzjoni, it-tnaqqis tal-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet (inklużi dawk għall-pajjiżi sħab) u t-tisħiħ ulterjuri tal-koordinazzjoni tal-UE u l-viżibilità tal-UE. Dan il-proċess għandu jissodisfa r-rekwiżiti tal-UE u tal-Istati Membri u għandu jiġi allinjat mal-prijoritajiet ta' żvilupp tal-pajjiżi sħab.

7. Il-Kunsill jenfasizza l-opportunità tal-espansjoni tal-Ipprogrammar Konġunt inkluż f'sitwazzjonijiet fraġli u f'pajjiżi milquta minn konflitti, kif ukoll f'kuntesti ta' prevenzjoni jew ta' wara konflitt. F'dan il-kuntest il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu<sup>5</sup> dwar l-approċċ komprensiv tal-UE, filwaqt li jinnota li l-punt tal-bidu tal-approċċ komprensiv irid ikun analiżi bikrija, koordinata u kondiviża. Dan jipprovdi bażi strateġika għal programmar tal-UE sensitiv għall-konflitti. Dan jikkontribwixxi wkoll għall-Patt Ġdid għal Involvement fi Stati Fraġli. Il-Kunsill jistieden ukoll lis-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE biex jikkunsidraw modi fejn l-Ipprogrammar Konġunt jista' jakkumpanja lil pajjiżi fi transizzjoni lejn livelli ogħla ta' dħul, bħala parti minn relazzjoni usa' li tmur lil hinn minn assistenza esterna.

### **It-triq 'il quddiem**

8. Barra minn hekk, il-Kunsill iqis li huma meħtieġa sforz u impenn imġedda mill-UE u l-Istati Membri biex l-Ipprogrammar Konġunt iwassal b'mod sħiħ il-benefiċċji tiegħu, b'mod partikolari f'pajjiżi fejn il-partijiet parteċipanti rrikonoxxew il-potenzjal tiegħu li jsir l-approċċ preferut. L-UE u l-Istati Membri għandhom jimmobilizzaw appoġġ politiku u tekniku biex jiżguraw kapaċità adegwata kemm fil-livell ta' dak fuq il-post kif ukoll tal-kwartieri ġenerali. L-ipprogrammar konġunt għandu jqis inizjattivi tematiċi u settorjali kif ukoll politiki transversali tal-UE u tal-Istati Membri b'mod partikolari dawk dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi, il-governanza tajba u s-soċjetà ċivili.
9. F'konformità mal-Approċċ Komprensiv tal-UE, id-dokumenti tal-Ipprogrammar Konġunt għandhom jevolvu biex jinkludu kwistjonijiet strateġiċi bħalma huma l-migrazzjoni, it-tibdil fil-klima, il-fraġilità, is-sigurtà u d-demokrazija. Il-Kunsill jistenna b'interess l-implimentazzjoni kontinwa tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Approċċ Komprensiv tal-UE u jappella għal koordinazzjoni aħjar u koerenza akbar tar-rispons tal-UE, inkluż permezz tal-Ipprogrammar Konġunt. L-attivitajiet tal-Fond Fiduċjarju għandhom ukoll jieħdu kont tad-dimensjoni tal-Ipprogrammar Konġunt.

---

<sup>5</sup> 9644/14.

10. L-isforzi biex titnaqqas il-frammentazzjoni u biex jiġu promossi l-koerenza u s-sinerġiji bejn l-UE u l-Istati Membri għandhom ukoll ikunu parti mill-fażi ta' implimentazzjoni. Il-Kunsill għalhekk jappella lis-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE biex ikomplu jippromwovu attivitajiet ta' implimentazzjoni konġunta ffinanzjati mill-UE u mill-Istati Membri, li jikkontribwixxi wkoll għal żieda fil-viżibilità tal-UE u l-Istati Membri tagħha fuq il-post, pereżempju permezz ta' kofinanzjament u kooperazzjoni delegata, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lil atturi tal-iżvilupp mill-UE u l-Istati Membri. Il-kooperazzjoni bejn l-atturi tal-iżvilupp tal-Istati Membri għandha wkoll tiġi inkoraġġita fil-qafas ta' implimentazzjoni konġunta.
11. Il-Kunsill ihegġegħ lill-UE u l-Istati Membri biex isaħħu l-isforzi tagħhom biex iqajmu kuxjenza fost il-gvernijiet sħab u partijiet ikkonċernati oħra dwar l-Ipprogrammar Konġunt sabiex is-sjieda u l-allinjament jissaħħu u jitħeġġu permezz ta' konsultazzjonijiet u djalogu f'waqthom. L-Ipprogrammar Konġunt għandu jibqa' miftuħ għal donaturi oħrajn meta dawn ikunu meqjusa li huma rilevanti fil-livell tal-pajjiż, minn rappreżentanti tal-UE u tal-Istati Membri.
12. Il-Kunsill jistieden lis-SEAE u lis-servizzi tal-Kummissjoni biex jirrapportaw lura dwar il-proċessi tal-Ipprogrammar Konġunt tal-UE fuq bażi regolari u jistenna bil-ħerqa l-Evalwazzjoni tal-Proċess tal-Ipprogrammar Konġunt tal-UE tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħha li jistgħu jkunu ta' importanza ewlenija biex jittejbu l-proċessi u l-proċeduri tal-Ipprogrammar Konġunt u jkunu ta' gwida għal passi ulterjuri. Il-Kunsill jistieden lis-SEAE u lis-servizzi tal-Kummissjoni biex imexxu 'l quddiem ukoll il-ħidma dwar l-Ipprogrammar Konġunt, inkluż, fid-dawl tal-orjentazzjonijiet tal-Istrateġija Globali tal-UE li jmiss, il-Politika tal-Viċinat riveduta u kwalunkwe reviżjoni futura tal-politika tal-UE tal-iżvilupp.